7 ta' Frar, 1953.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Perit Duminku Mintoff et. *versus* Dott. Carmelo Schembri ne.

**Libell — Ingurja Kollettiva — Partit Politiku — Eżekutiv — Membri Parlamentari — Komuniżmu.**

*Bħala prinċipju legali hija korretta l-propożizzjoni illi, jekk id-diffamazzjoni tkun rivolta kontra pluralità ta' persuni li minħabba ċi element komuni jkunu lkoll identifikabili b'mod mhux dubju, u tkun hekk diretta kontra lkoll, sija pure komplessivament, allura kull wieħed minnhom jista' jagixxi, għaliex ikun hemm allura r-rekwiżit tad-determinatezza personali; u li, għall-kuntrarju, jekk l-ingurja f'każ simili tkun rivolta biss kontra xi wħud minnhom*

*indeterminatament, bla identifikazzjoni individwali, allura ebda wieħed ma jista' jazzjona, għaliex jonqos appuntu r-rekwiżit tad-determinatezza personali, u wieħed ma jkunx jaf għal liema minn dik il-klassi kollettiva ried jallvdi l-imputat. Għaldaqstant il-kwistjoni tkun dik jekk, bħala fatt, bl-artikolu nkriminat, rivolta kontra kumpless ta' persuni, l-inġurja ġietx diretta kontra lkoll kumplessivament jew kontra xi wieħed biss.*

*F'materja ta' libell wieħed għandu jara proprjament dak li l-ġuristi ingliżi jsejħu "the sting of the libel"; u biex wieħed jara jekk l-artikolu huwx libelluż jew le, għandu jikkunsidra kif jifhmu bniedem raġjonevoli, ta' intelliġenza normali, u li jkollu konoxxenza taċ-ċirkustanzi korrenti.*

*L-Eżekutiv ta' Partit Politiku huwa dak li jagħti l-orjentament lill-"policy" tal-partit; fil-waqt li l-Membri Parlamentari huma dawk li huma msejħin bil-mandat elettorali tagħhom biex jattwaw dik il-"policy".*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, ġie ritenut f'din il-kawża illi l-imputazzjoni kontenuta fl-artikolu nkriminat, fis-sens li l-partit qiegħed jesplika fil-pulitika attività komunista, hija nġurjuża mhux għal xi wħud biss, imma għal kull wieħed mill-membri ta' l-Eżekutiv u kull wieħed mill-Membri Parlamentari, u li minħabba dik id-determinatezza personali kull wieħed minnhom għandu azzjoni kontra l-editur tal-gazzetta fejn ġie stampat dak l-artikolu.*

L-imsemmi Dottor Schembri ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi inġurja lill-kwereanti per mezz ta' l-artikolu intitolat "Mintoff fil-Cafe Riche", li deher fil-gazzetta "Patria", li tagħha "ex concessis", fiż-żmien rilevanti, kien editur l-istess Dottor Schembri;

Il-kwerelanti (ara verbal fit-tarf tas-sentenza) qegħdin jagixxu bħala membri tal-Parlament tal-Partit Laborista u/jew bħala membri tal-Kumitat Eżekutiv ta' dak il-Partit. Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet sollevata l-eċċezzjoni illi l-artikolu in kwistjoni ma hux libelluż; u ntalbet deċiżjoni preliminari dwar dan il-pont;

Bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru 1952, l-Ewwel Qorti ddikjarat libellus l-artikolu fil-konfront tal-kwerelant

Perit Mintoff, u ddikjarat li l-kwerelanti l-oħra ma għandhomx azzjoni kontra l-kwerelat, għaliex, għalkemm l-artikolu materjalment kien libelluż, però ma kienx jirriferixxi għal ebda persuna speċifika u determinata. Għalhekk dik il-Qorti lliberat lill-kwerelat di fronti għall-kwerelanti kollha ħlief il-Perit Mintoff, u ordnat li l-kawża titkompla fil-meritu in kwantu kienet tirrigwarda l-Perit Mintoff. Ordnat li l-isp jjeż li kienu sa allura saru, għal dak li jirrigwarda l-interess tal-Perit Mintoff, jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali, u għall-bqija jitħallsu mill-kwerelanti l-oħra; u ħalliet il-kawża "sine die" sakemm is-sentenza tgħaddi ġudikat;

Il-kwerelanti sokkombenti appellaw lil dina l-Qorti, limitatament, s'intendi, għall-pont deċiż;

Wara li semgħet l-argumenti, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-Maġistrat wasal għal dik il-konklużjoni għaliex irritjena li, għalkemm normalment kull min hu kolpit b'inġurja kollettiva jista' jazzjona l-awtur, f'dan il-każ l-artikolista ma alludiex għall-partit kollu, jew għall-membri kollha ta' dak il-partit fil-Parlament, imma biss għal biċċa minnhom;

Issa, ma hemmx dubju li bħala prinċipju legali hi korretta l-propożizzjoni li, jekk id-diffamazzjoni tkun rivolta kontra pluralità ta' persuni li, minħabba xi element komuni, ikunu lkoll identifikabili f'mod mhux dubju, u tkun hekk diretta kontra lkoll, sija pure komplessivament, allura kull wieħed minnhom jista' jaġixxi, għaliex ikun hemm allura r-rekwiżit tad-determinatezza personali; u li, għall-kuntrarju, jekk l-inġurja, f'każ simili, tkun rivolta biss kontra xi wħud minnhom indeterminatament, bla identifikazzjoni individwali, allura ebda wieħed ma jista' jazzjona, għaliex jonqos appuntu r-rekwiżit tad-determinatezza personali, u wieħed ma jkunx jaf għal liema minn dik il-klassi kollettiva ried jalludi l-inġurjant;

Għalhekk il-punt hu jekk, bħala fatt, b'dak l-artikolu, rivolt kontra kumpless ta' persuni, l-inġurja ġietx diretta kontra lkoll komplessivament jew kontra xi wħud biss. Il-Maġistrat irritjena li ġiet diretta kontra xi wħud biss, u kwindi, skond il-Maġistrat, il-kwerelanti l-oħra, barra l-Perit Mintoff (li kien speċifikatament kolpit), ma setgħux jeżerċi-

taw l-azzjoni provenjenti favur is-singoli mill-inġurja kollettiva;

Jekk dina l-opinjoni ta' fatt tal-Maġistrat hija sewwa, allura tkun anki sewwa l-konsegwenza legali li ġiebet. Jekk ma hijiex, allura, in bażi għall-istess dottrina ċitata, wieħed għandu jiġbed il-konklużjoni opposta;

Issa, hemm żewġ prinċipji li għandhom jiġu rilevati qabel xejn:—

1. Illi f'materja ta' libell wieħed għandu jara proprjament dak li l-ġuristi Ingliżi jsejħu "the sting of the libel" (ara l-użu ta' din il-kelma, per eżempju, minn Lord Justice Scott fil-kawża "Holdworth Ltd. v. Associated Newspapers Limited, 1937, All Eng. Law Rep., Vol. IV, 1907, p. 883). Similment jingħad fil-ġurisprudenza Taljana (ara Giurisprudenza Penale T. 19, 109, Cassaz. Torino 16. 12. 1898):— "Per giudicare del carattere delittuoso di un articolo non basta esaminare il senso apparente delle parole, ma occorre indagarne lo spirito, e, mettendo a confronto le diverse frasi tra loro, scrutarne il concetto dominante";

2. Illi, biex wieħed jara jekk l-artikolu jkunx jew le libellus, għandu jikkunsidra kif jifhmu "a reasonable, fair-minded man" — dak li l-istess Lord Justice Scott, fil-kawża fuq imsemmija, sejjaħ "the typical reader for the Court to have in mind", jiġifieri "the reasonable man, of normal intelligence, possessed of a degree of knowledge of current circumstances", jiġifieri "surrounding circumstances";

Issa, meta wieħed japplika dawn il-kriterji, ma jistax ma jiġix għall-konklużjoni illi li "sting" ta' l-artikolu hija li l-Partit Laborista hawn Malta qiegħed fil-pulitika tiegħu jesplika attività komunista;

Huwa veru li l-artikolista, fil-kors ta' l-artikolu inkriminat, igħid li ma jippretendix li "il-mintoffjani kollha huma komunisti"; u huwa veru wkoll li jsemmi "inner circle", "qalba qawwija", u "clicca" fil-partit; iżda dawn il-kliem, apparentement limitativi, ma jiswewx, għaliex aktar 'il quddiem, kif sejjer jingħad, u kważi fit-tarf ta' l-artikolu, hemm kliem oħra li, almenu fil-konfront tal-kwerelanti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, jinnewtralizzaw kull effett li, għall-

finijiet ta' dana l-incident, seta' kellhom il-kliem l-ohra apparentement restrittivi. Infatti, wara illi l-artikolista jghid, fil-kors ta' l-artikolu, illi l-Perit Mintoff, Kap tal-Partit ghandu tendenzi komunisti, li huwa jemmen fil-Komunizmu, li hu (l-artikolista) jiddubita jekk il-Perit Mintoff jafx x'inhu ma d-drittijiet sakrosanti tal-bniedem, cjoè d-dritt tal-hajja, id-dritt tal-proprjetà privata, id-dritt tal-libertà, id-dritt tar-religjon, u d-drittijiet tal-familja; wara li jghid li fil-partit mintoffjan hemm qalba qawwija li temmen bis-shih fil-komunizmu; li din il-qalba hija mxerrda sewwa fl-organizzazzjoni tal-partit u f'xi kumitati distrettwali, u li infilzat rubha anki fil-General Workers' Union; li hemm fil-partit "inner circle"; li din il-klikka qieghda torganizza kampanja kontra l-Arcisqof; li qieghda tissostitwixxi l-festa tal-Milied bic-celebrazzjoni ta' l-Ewwel ta' Mejju; li giet imwaqqfa socjetà sigrieta komunista; li hemm kuntatt ma' komunisti barra minn Malta, li qeghdin jibghatu letteratura komunista; jispicca biex ighid (ara paragrafu qabel ta' l-ahhar):— "Ahna ma ghandniex fiducja illi l-politika tal-Partit Laborista sejra xxejjen il-Komunizmu kif isostni Mintoff. Anzi povra Malta kieku kellu l-partit mintoffjan jiehu r-riedni tal-pajjiż f'idejh, ghaliex, kif ghidna, il-politika ta' l-'inner circle' ta' dan il-partit xejn ma toghgobna";

Dawn il-kliem, meta wiehed iqis l-artikolu kollu, ma jistghux jiftehmu hlief li l-Partit Laborista qieghed jesplika fil-politika tieghu attività komunista;

Issa, kif inghad — u dan hu fondamentali — il-kwerelanti qeghdin jagixxu bhala membri tal-Parlament Laboristi u/jew bhala membri ta' l-Eżekutiv ta' dak il-Partit;

Ma jistax jigi negat li l-Eżekutiv ta' partit hu dak li jaghti l-orjentament tal-"policy" tal-partit; kif lanqas jista' jigi negat li l-membri parlamentari huma dawk li huma msejha bil-mandat elettorali taghhom biex jattwaw dik il-"policy";

Il-kliem ta' l-artikolista li hu ma jippretendix illi l-mintoffjani kollha huma komunisti, ghalkemm jiswew biex jirrendu inammissibili l-istanza ta' libell ta' kull sempliċi gregarju tal-partit "uti singulus", in bażi ghall-azzjoni kolletti-

va, tant għax qed igħid li hemm x'uħud li ma humiex komunisti, kemm ukoll għax in-numru tal-gregarji huwa wisq kbir biex tkun possibili l-identifikazzjoni personali, ċertament ma jiswewx biex jinnegaw l-istess azzjoni mill-parti tal-membri ta' l-Eżekutiv tal-partit u minn dawk tal-Grupp Parlamentari; tant għaliex l-addebitu ta' pulitika komunista jinvesti bilfors dawk kollha li qegħdin jifformulaw jew jeżegwixxu dik il-politika hekk kwalifikata, kemm ukoll għaliex in-numru eżigwu ta' dawn il-membri jirrendihom faċilment determinabili fil-persuna tagħhom;

Għaldaqstant, skond l-istess dottrina ċitata mill-Maġistrat, applikata għall-fatt kif valutat minn din il-Qorti, hemm ir-rekwiżit tad-determinatezza personali għar-rigward ta' kull wieħed mill-kwerelanti, li huma kollha identifikabili bl-element komuni ta' l-appartenenza tagħhom għall-Eżekutiv u/jew għall-Grupp Parlamentari, u l-kliem ta' l-artikolu, rettament intiżi, "reflect on each and every member";

Kwantu għall-materjal ta' l-inġurja, ma jistax ikun hemm dubju li l-addebitu ta' attività komunista huwa inġurjuż. Difatti, għar-raġunijiet imsemmija mill-Maġistrat, huwa sodisfatt it-test propost minn Lord Atkin fil-kawża "Sim vs. Stretch", House of Lords, 1936, All Eng. Law Rep. 1936, Vol. III, p. 1237 — "Would the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society generally?";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza f'dik il-parti tagħha devoluta lil dina l-Qorti, ċjoè in kwantu tirrigwarda l-kwerelanti l-oħra ħlief il-Perit Mintoff, u tiddikjara l-artikolu libellus anki fil-konfront tagħhom; salva t-tieni eċċezzjoni tal-kwerelat fol. 7 tergo. L-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu mill-kwerelat; dawk tal-prima istanza jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali, u tordna li l-inkartament jiġi mibgħut lill-Qorti t'Isfel biex tiġi kontinwata t-trattazzjoni. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tas-17 ta' Jannar 1953, u 10s. għal dik tal-lum.